MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 115/2008

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta’ Marzu, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u ħalef:

1. Illi mir-relazzjoni *extra*-matrimonjali li l-esponent kellu ma’ l-intimata twieled tifel li ngħata l-isem X (Dokument A), u li ġie rikonoxxut mill-istess esponent u jġib kunjomu.

2. Illi l-imsemmi X jgħix ma’ missieru l-esponent. L-intimata tgħix għal rasha, fi stil ta’ ħajja li m’huwiex kompatibbli ma’ l-aħjar interessi ta’ binha minuri.

3. Illi l-esponent jinsab awtorizzat li jipproċedi b’din l-istanza permezz ta’ digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (Digriet numru 2001/07).

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

1. Tordna, fl-aħjar interessi tat-tifel X, wild il-partijiet kontendenti, il-kura u kustodja tiegħu jiġu fdati esklussivament f’idejn l-esponent;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta naqset li tippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Ġunju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Qorti semgħet lill-attur u lil ommu.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti jirriżultaw kif indikat fir-rikors promotur. Il-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled il-minuri, iżda mill-bidu kien l-attur illi ħa ħsieb lit-tifel bl-għajnuna ta’ ommu għaliex il-konvenuta qatt ma uriet l-iċken interess fil-minuri. Jidher li l-konvenuta lanqas għall-medjazzjoni ma attendiet.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba attriċi u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri X f’idejn l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------